

Brussell, 15 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

8980/25

ENV 342  
ENT 68  
COMPET 370  
IND 142  
SAN 221  
CONSOM 84  
MI 302  
CHIMIE 33  
DELECT 59

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Mejju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 2887 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'15.5.2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-dechlorane plus

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 2887 final.

Mehmuż: C(2025) 2887 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.5.2025  
C(2025) 2887 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'15.5.2025**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-  
rigward tad-dechlorane plus**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Ir-Regolament (UE) 2019/1021 għandu l-objettiv li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-pollutanti organiċi persistenti ("POPs") billi jipprojbixxi, jelimina gradwalment malajr kemm jista' jkun, jew jillimita l-manifattura, l-introduzzjoni fis-suq u l-użu tas-sustanzi soġġetti għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-POPs ("il-Konvenzjoni"). Waqt il-ħdax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma li saret f'Ġinevra, l-Iżvizzera, f'Mejju 2023, ġie deċiż li d-dechlorane plus jiġi inkluż fl-Anness A tal-Konvenzjoni b'ċerti eżenzjonijiet speċifiċi. Dik id-deċiżjoni għandha tkun riflessa fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021.

Dan l-att delegat jimplimenta d-Deċiżjoni SC-11/10 biex id-dechlorane plus jiġi elenkat fl-Anness A f'konformità mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021.

In-Norveġja ħejjiet dossier ta' restrizzjonijiet għad-dechlorane plus f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-opinjoni tal-ECHA ġiet iffinalizzata f'Settembru 2022<sup>1</sup>. L-opinjoni tappoġġja restrizzjoni wiesgħa tal-manifattura u tal-introduzzjoni fis-suq tad-dechlorane plus, b'xi eżenzjonijiet.

Id-Deċiżjoni SC-11/10 tinkludi lista ta' eżenzjonijiet speċifiċi mogħtija skont il-Konvenzjoni, li tkopri l-eżenzjonijiet kollha rakkomandati fl-opinjoni tal-ECHA. Il-Konvenzjoni tinkludi eżenzjonijiet mhux rakkomandati fl-opinjoni tal-ECHA għal spare parts għal tagħmir motorizzati għall-użu barra, apparati mediċi u apparati dijanjostiċi *in vitro* u strumenti għall-analiżi, għall-kejl, għall-kontroll, għall-monitoraġġ, għall-ittestjar, għall-produzzjoni u għall-ispezzjoni. Wara kummenti li ntbagħtu permezz tal-portal tal-mekkaniżmu ta' feedback pubbliku dwar il-ħtieġa ta' tali eżenzjonijiet u meta jitqies li l-użu huwa għal spare parts meħtieġa biex jissewwew u jinżammu prodotti diġà eżistenti, il-Kummissjoni hija tal-fehma li għandhom jingħataw tali eżenzjonijiet.

Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma tistabbilixxi li eżenzjonijiet speċifiċi jistgħu jiġu permessi għal ħames snin, bil-possibbiltà li jiġu estiżi għal ħames snin addizzjonali. L-opinjoni tal-ECHA tirrakkomanda xi eżenzjonijiet speċifiċi għal durata itwal minn ħames snin. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li jixraq li jingħataw ħames snin bħala l-itwal durata ta' eżenzjoni u li tindika l-possibbiltà li testendiha għal massimu ta' ħames snin addizzjonali.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

L-esperti nnominati minn kull Stat Membru ġew ikkonsultati fil-grupp ta' esperti rilevanti (il-"laqgħa tal-awtoritajiet kompetenti dwar il-POPs") dwar l-abbozz tal-att delegat u tqiesu l-kummenti.

Anke l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-industrija tas-sustanzi kimiċi u s-soċjetà ċivili, ħadu sehem fid-diskussjonijiet dwar l-elenkar tad-dechlorane plus fl-Anness I tar-Regolament dwar il-POPs fil-"laqgħa tal-awtoritajiet kompetenti dwar il-POPs" u tqiesu l-kummenti.

Saret konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-att permezz tal-portal tal-mekkaniżmu ta' feedback pubbliku mis-26 ta' Ġunju sal-24 ta' Lulju 2024 u l-kummenti tqiesu kif ġej.

F'diversi kummenti ntab li jiżdiedu l-eżenzjonijiet għall-ispare parts li huma inklużi fid-deċiżjoni tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma iżda li mhumiex rakkomandati fl-opinjoni tal-

<sup>1</sup> [d4e88790-cfe2-c934-7ea4-489e1602d6c2 \(europa.eu\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:32022R1907)

Kumitati tal-ECHA dwar ir-restrizzjoni tar-REACH. Il-Kummissjoni taċċetta dawn it-talbiet, meta jitqies li dan ikun konformi mal-Konvenzjoni ta' Stokkolma u li l-volum tad-dechlorane plus li jintuża f'dawn l-ispare parts x'aktarx ikun żgħir.

Kummenti oħra kienu jikkonċernaw il-limitu propost tal-UTC ta' 1 mg/kg u jissuġġerixxu l-użu tal-limitu tar-restrizzjoni rakkomandata tar-REACH ta' 1000 mg/kg. Il-Kummissjoni tqis li l-limitu ma għandux jinbidel, peress li l-limitu rakkomandat fir-restrizzjoni tar-REACH fuq id-dechlorane plus ma kienx stabbilit skont il-kunċett tal-UTC iżda kien maħsub biex jipprevjeni l-użu intenzjonat u kien marbut ukoll mal-limitu li jiskatta ċerti obbligi fir-REACH. Il-limiti tal-UTC huma maħsuba biex ineħħu kemm jista' jkun il-POPs mill-prodotti, inkluż minn materjali riċiklati u għandhom jirrappreżentaw ammont "minimu". L-informazzjoni disponibbli tidher li tindika li l-livelli ta' 1 mg/kg jistgħu jitkejlu fil-prodotti. Madankollu, meta titqies il-ħtieġa li l-laboratorji jtejbu l-akkuratezza tal-analiżi u jiżguraw applikazzjoni uniformi u adegwata tal-metodi analitiċi, pereżempju permezz tal-ittestjar tal-proficijenza, il-Kummissjoni tqis li l-limitu tal-UTC għandu jiġi stabbilit għal 1000 mg/kg mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għal 1 mg/kg 30 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

L-att delegat jemenda l-lista tas-sustanzi kimiċi fl-Anness I abbażi tal-iżviluppi skont il-Konvenzjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021. Il-bażi legali tal-att delegat hija l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'15.5.2025

## li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-dechlorane plus

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 jimplementa l-impenji tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti<sup>2</sup> ("il-Konvenzjoni") u skont il-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini u fit-Tul tal-Arja fuq Pollutanti Organiċi Persistenti<sup>3</sup> ("il-Protokoll").
- (2) L-Anness A tal-Konvenzjoni fih lista ta' sustanzi kimiċi. Kull Parti għall-Konvenzjoni hija meħtieġa ttiprobixxi s-sustanzi kimiċi fil-lista jew tiegħu l-miżuri legali u amministrattivi meħtieġa biex telimina l-produzzjoni, l-użu, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tagħhom.
- (3) Waqt il-ħdax-il laqgħa tagħha li saret bejn l-1 u t-12 ta' Mejju 2023, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ddeċidiet, skont l-Artikolu 8(9) tal-Konvenzjoni, li temenda l-Anness A tal-Konvenzjoni biex tinkludi d-dechlorane plus f'dak l-Anness b'eżenzjonijiet speċifiċi. L-Unjoni appoġġjat l-inklużjoni tad-dechlorane plus fil-Anness A b'eżenzjonijiet speċifiċi kif stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1006<sup>4</sup>. Għalhekk jenħtieġ li anke l-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021, li fiha lista tas-sustanzi elenkati fil-Konvenzjoni u fil-Protokoll, kif ukoll is-sustanzi li hemm elenkati biss fil-Konvenzjoni, tiġi emendata biex tinkludi d-dechlorane plus.

-

<sup>1</sup> ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj>.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2006/507/oj>).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/259/KE tad-19 ta' Frar 2004 li għandha x'taqsam mal-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Li Jwassal Ħafna dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (ĠU L 81, 19.3.2004, p. 35, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2004/259/oj>).

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1006 tal-25 ta' April 2023 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-ħdax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes fir-rigward tal-proposti għall-emenda tal-Anness A għal dik il-Konvenzjoni.

- (4) Fl-2022, il-Kumitati għall-Istima tar-Riskji (RAC) u għall-Analiżi Soċjoekonomika (SEAC) tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (il-“kumitati”) adottaw l-opinjoni tagħhom<sup>5</sup> dwar dossier ta’ restrizzjonijiet min-Norveġja għad-dechlorane plus skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>. L-opinjoni jappoġġjaw restrizzjoni tal-manifattura u l-użu tad-dechlorane plus, b’ċerti derogi għal użi speċifiċi. Dawk id-derogi huma inklużi fil-lista ta’ eżenzjonijiet speċifiċi mogħtija skont il-Konvenzjoni bid-Deċiżjoni SC-11/10 tal-Konferenza tal-Partijiet u jenħtieġ li jingħataw bħala eżenzjonijiet ukoll skont ir-Regolament (UE) 2019/1021 peress li għadhom meħtieġa fl-Unjoni. Dan jikkonċerna, fost l-oħrajn, l-ispare parts għall-vetturi motorizzati għall-użu fuq l-art, bħall-karozzi, il-muturi, il-vetturi motorizzati għall-agrikoltura u għall-kostruzzjoni u t-trakkijiet industrijali, inklużi l-vetturi motorizzati koperti mir-Regolamenti (UE) 2018/858<sup>7</sup>, (UE) 167/2013<sup>8</sup> u (UE) 168/2013<sup>9</sup>.
- (5) Il-Konvenzjoni tinkludi eżenzjonijiet għall-użu tad-dechlorane plus li mhumiex rakkomandati fl-opinjoni tal-kumitati. Dan jinkludi l-użu ta’ dik is-sustanza għall-fini ta’ spare parts għal tagħmir motorizzati għall-użu barra, apparati mediċi, apparati dijanjostiċi *in vitro* u strumenti għall-analiżi, għall-kejl, għall-kontroll, għall-monitoraġġ, għall-ittestjar, għall-produzzjoni u għall-ispezzjoni kif ukoll għat-tiswija ta’ ċerti oġġetti. Meta jitqies li l-volum tad-dechlorane plus li jintuża fl-ispare parts u għat-tiswija tal-oġġetti huwa żgħir u meta titqies l-importanza taż-żamma tal-oġġetti li diġà qed jintużaw, jenħtieġ li tali eżenzjonijiet jiġu inklużi fir-Regolament (UE) 2019/1021.
- (6) Id-durata massima tal-eżenzjonijiet jenħtieġ li tkun ta’ ħames snin, bil-possibbiltà li tiġi estiża għal perjodu addizzjonali ta’ ħames snin, f’konformità mal-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-eżenzjonijiet għal applikazzjonijiet tal-imaging mediku u għal apparati u installazzjonijiet tar-radjoterapija, li għalihom l-opinjoni tal-kumitati appoġġjaw durata ta’ seba’ u għaxar snin, rispettivament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina l-ħtieġa ta’ estensjoni tal-eżenzjonijiet speċifiċi sa mhux aktar tard mill-1 ta’ April 2028 sabiex tnejn għall-Konferenza tal-Partijiet li hija mistennija li ssir f’Mejju 2029, peress li skont il-Konvenzjoni, f’dik il-Konferenza tal-Partijiet se jkollha tiġi deċiża estensjoni potenzjali tal-eżenzjonijiet speċifiċi għal din is-sustanza.

■

<sup>5</sup> [d4e88790-cfe2-c934-7ea4-489e1602d6c2 \(europa.eu\)](https://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj)

<sup>6</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta’ sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta’ vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta’ sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj>).

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta’ vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/167/oj>).

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta’ vetturi b’żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/168/oj>).

- (7) L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1021 jipprojbixxi l-manifattura, l-introduzzjoni fis-suq, u l-użu ta' sustanzi elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet, jew f'oġġetti. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-oġġetti li fihom id-dechlorane plus u li huma prodotti jew introdotti fis-suq skont eżenzjoni stabbilita fl-Anness I ta' dak ir-Regolament u li kienu diġà qed jintużaw fid-data ta' skadenza tal-eżenzjoni rilevanti, jitħallew ikomplu jintużaw wara dik id-data.
- (8) Barra minn hekk, f'konformità mad-Deċiżjoni SC-11/10, l-eżenzjoni li tkopri l-introduzzjoni fis-suq u l-użu tad-dechlorane plus għall-finijiet ta' spare parts għal ċerti vetturi, ċerti magni, għall-finijiet ta' tagħmir motorizzati tal-baħar, tal-ġonna, tal-forestrija u għall-użu barra, għall-finijiet ta' applikazzjonijiet ajruspazjali, spazjali u tad-difiża u għall-finijiet ta' ċerti strumenti tingħata sa tmiem il-ħajja operattiva tal-prodott rilevanti jew sal-31 ta' Diċembru 2043, skont liema tiġi l-ewwel, jew, fir-rigward ta' spare parts għall-finijiet ta' apparati mediċi u apparati dijanjostiċi *in vitro*, sa tmiem il-ħajja operattiva tal-prodott rilevanti. Il-ħajja operattiva tal-prodotti fl-applikazzjonijiet tad-difiża, ajruspazjali u spazjali tista' tmur lil hinn mill-2043. Għalhekk, jenħtieġ li l-introduzzjoni fis-suq u l-użu tal-ispare parts għal applikazzjonijiet bħal dawn, preżenti fit-territorju tal-Unjoni qabel jew fid-data tal-iskadenza tal-eżenzjoni rilevanti, ikunu permessi anke wara dik id-data.
- (9) Biex jissaħħu l-applikazzjoni u l-infurzar tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021 fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit valur limitu għad-dechlorane plus li jfeġġ bħala kontaminant f'ammonti traċċa mhux intenzjonat fis-sustanzi, fit-taħlitiet u fl-oġġetti.
- (10) Meta jitqies li l-laboratorji jeħtieġ li jtejbu l-akkuratezza tal-analiżi u jiżguraw applikazzjoni uniformi u adegwata tal-metodi analitiċi, il-limitu tal-kontaminant f'ammonti traċċa mhux intenzjonat jenħtieġ li jiġi stabbilit għal 1000 mg/kg. Jenħtieġ li 30 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dak il-limitu jkun ta' 1 mg/kg.
- (11) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) 2019/1021 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15.5.2025

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*